**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 26 ta' Gunju 2023**

**<u>Rikors nru : 252/2022 AGV</u>**

**<u>Fl-ismijiet;</u>**

**AZ**
**Vs**
**Dr Mattia Felice u PL Quentin Tanti mahtura bhala Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw l-interessi tal-assenti T LS b' digriet tat – 8 ta' Frar 2023.**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-Rikors guramentat ta' AZ fejn ippremetta s-segwenti :-**

(1) Illi l-kontendenti zzewwgu nhar il-21 ta' Lulju 1977 fil-Knisja Parrokjali ta' San Bastjan f'Hal Qormi.

(2) Illi miz-zwieg tal-partijiet hemm tifla wahda MZ li twieldet nhar l-4 t' Awwissu 1978 u li ghalhekk hija maggorenni.

(3) Illi l-Intimata kienet marret gewwa r-Renju Unit flimkien ma' bintha fis-sena 1984 ghal-perjodu li kellu jkun temporanju, izda hekk kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, hija baqghet minn dak iz-zmien ma rritornatx lura sabiex terga' tigi tirrisjedi f'Malta u ghalhekk hija abbandunat lil zewgha.

(4) Illi r-rikorrent, minkejja diversi tentattivi, da parti tieghu, ma rnexxilux jintraccja lill-intimata u m'ghandux hjiel ta' fejn tista' tinstab, hlief li aktarx tghix gewwa Londra fir-Renju Unit.

(5) Illi r-rikorrent infurmat ukoll illi l-intimata kellha aktar minn relazzjoni wahda wara li abbandunat lir-rikorrent.

(6) Illi ghalhekk il-hajja konjugali giet resa impossibbli minhabba abbandun u adulterju da parti tal-intimata.

(7) Illi l-partijiet ilhom ghalhekk mifrudin *de facto* minn xulxin sa mis-sena 1984.

(8) Illi r-rikorrent fil-5 ta’ Settembru 2022 talab lir-Registratur tal-Qrati Civili (Sezzjoni Familja) tappunta medjatur mil-lista taht ir-Regolament 4(3) tal-Avviz Legali 397/2003 sabiex l-istess medjatur jipprova jwassal il-partijiet ghal ftehim dwar is-separazzjoni.

(9) Illi peress illi l-intimata hija assenti mill-Gzejjer Maltin, din il-medjazzjoni inghalqet minghajr ma setghu isiru seduti quddiem medjatur u l-partijiet gew awtorizzati jipprocedu ghas-separazzjoni personali permezz ta’ digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fl-atti tal-ittra numru 1026/22.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent umilment titlob li, ghar-ragunijiet hawn fuq indikati, din l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

(1) Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-kontendenti u dana minhabba ragunijiet u tortijiet imputabbli unikament lill-intimata li abbandunat lil zewgha, kif hawn fuq premess.

(2) Tawtorizza lir-rikorrent jghix separata minn mal-intimata.

(3) Tapplika *in toto* jew *in parte* kontra l-intimata l-effetti tad-dispozzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

(4) Ixxolji u tittermina l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess b’mod li jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni u assenjati lill-partijiet u, billi wkoll tigi stabbilita` data minn meta l-intimata titqies li ddekadiet minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila tar-rikorrent, u dan kollu okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi jekk ikun hemm il-

htiega u bin-nomina ta’ nutar sabiex jippubblika l-att opportun u ta’ kuratur biex jirrapprezenta lill-intimata fl-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

(5) Tiddikjara illi l-intimata iddekadiet minn kull dritt li titlob jew tippercepixxi manteniment minghand ir-rikorrent.

(6) Tiddividi l-gid iehor komuni tal-kontendenti mhux formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

(7) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien li l-istess Onorabbli Qorti joghgobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan tal-ahhar jirregistra l-istess fic-certifikat taz-zwieg tal-partijiet.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li hi minn issa ingunta in subizzjoni.

**Il-Qorti,**

**Rat ir-Risposta tal-kuraturi Dr Mattia Felice u PL Quentin Tanti li ppremettew is-segwenti :-**

1. Illi l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f ‘kaz u hekk jigu edotti mill-fatti.

2.Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ir-rikorrenti irid jipprova li ghamel l-almu tieghu sabiex jinnotifika lil-intimata, bil-proceduri kollha stipulati mil-ligi.

3.Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ir-rikorrenti ukoll irid jipprova illi l-allegat assenti mara mhux verament prezenti f' Malta u li telqet lura pajjizha jew pajjiz iehor b' mod u manjiera ta' abbandun ghar- ragunijiet imputabbli lilha.

4.Illi l-intimat attur ghandu jipprovdi kull informazzjoni li jista ikollu dwar l-assenti Trana Lilian Stevenson lil esponenti sabiex din tkun tista' tigi potenzjalment rintraccjata.

5.Salv eccezzjonijiet ultejuri .

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

**Fatti**

L-attur iltaqa' mal-konvenuta TS u zzewwgu fis-26 ta' Lulju, 1977. Ghal bidu taz-zwieg kienu marru jghixu ma' omm l-attur u sena wara kellhom tifla M .

Jispjega li kien jahdem mal-Gvern u peress li kien misluf ma' kumpanija li dak iz-zmien kienet qed tibni l-Freeport u kienu qatghulu l-overtime, spicca li bil-kemm kien jaqla' paga. Il-konvenuta ma kinitx tahdem u hadu d-decizjoni li tmur lura l-Inghilterra bit-tifla u tfittex xoghol u dan peress li ma kinux qed ilahhqu bl-ispejjes. Fil-fatt, il-konvenuta kienet marret fl-1984.

Jispjega li ghall-bidu l-konvenuta kienet tikkomunika mieghu u kien jibghatilha l-ittri, imbaghad wara xi zmien kienet waqfet tikkomunika mieghu u kien spicca biss jibghat kartolini lit-tifla, li hafna snin wara sar jaf li l-konvenuta ma kinitx taghthomlha.

Kien biss wara li rcieva telefonata minghand l-avukat tal-konvenuta, li ntebah li riedet separazzjoni u ma kinitx ser tigi lura Malta. Minn dakinhar, kien biss meta bintu ghalqet 19-il sena li rnexxielu jmur jaraha u ghamel tlett gimghat ighix maghha. Kienet giet ukoll xi darbtejn ohra Malta u kienu ltaqghu, izda malli kienet tmur lura l-Inghilterra ma kinitx izzomm kuntatt mieghu.

Jispjega li madwar hames snin ilu kien ikkuntatja lill-konvenuta peress minn fuq Facebook kien induna li kienet regghet izzewwget fit-23 ta' Novembru, 2001 u peress li kienet qed iggib il-kunjom « B, » minkejja li qatt ma kien iffirma xi karti ta' divorzju u talabha xi dokumenti tal-istess, izda qatghet il-kuntatt minn mieghu.

Ighid li fl-1993 kien xtara post fi Triq San Gorg, Hal Qormi u kien ha self fuqu, liema self thallas kollu minnu.   L-ghamara u l-mobbli li jinstabu fiha kien xtrahom hu u kien wiret xi uhud jew inghatulu mill-genituri tieghu.

Bhala kontijiet bankarji jghid li ghandu kont wiehed mal-Bank of Valletta plc fejn tidhollu l-pensjoni u ghandu cirka €12, 000. Fuq il-Visa Debit ghandu xi €80. Il-visa Credit ighid li ma juzahiex.

Bhala vetturi jikkonferma li ghandu Toyota Vitz li ghandha erbatax-il sena u scooter Honda li xtara xi hames snin ilu.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

L-attur qed jitlob li jinhall dan iz-zwieg ai termini tal-Artikolu 66 tal-Kodici Civili. Il-ligi tirrikjedi li l-partijiet ikunu ilhom li sseparati tal-inqas hames snin. Jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fil-21 ta' Lulju, 1977 u fl-1984, il-konvenuta telqet lejn l-Inghilterra bit-tifla sabiex issib impjieg, peress li kellhom problemi finanzjarji.

L-attur ipproduca ritratti minn Facebook, li fil-fehma tieghu, il-konvenuta regghet izzewwget peress li llum ggib il-kunjom Bartlett u dan iz-zwieg gie ccelebrat fit-23 ta' Novembru, 2001.

Jistqarr fix-xhieda tieghu li evidentement il-konvenuta kienet irnexxielha takkwista d-divorzju minghajr ebda firma tieghu u kien talabha d-dokumenti, izda qatt ma bghatithomlu lura. Inoltre, l-kuraturi deputati kkonfermaw li ma rnexxielhomx jikkomunikaw mal-konvenuta u ghaldaqstant dina l-Qorti sejra tillimita ruhha ghal dawn il-provi mressqa mill-attur biss.

Kien ilu jaf li l-konvenuta ma kinitx gejja lura ghaliex ftit zmien wara li kienet qed tghix l-Inghilterra kien ikkomunika mieghu l-avukat taghha li nfurmah li l-konvenuta riedet separazzjoni.

Mix-xhieda prodotta ma jirrizultax ghalhekk li hemm cans ta' rikonciljazzjoni u lanqas ma jirrizulta li hemm xi pendenzi ta' manteniment, meta llum it-tifla taghhom ghandha 'l fuq minn 40 sena.

Mir-rizultanzi processwali dina l-Qorti tista' facilment tikkonferma li l-konvenuta kienet abbandunat lil zewgha u marret tghix l-Inghilterra minghajr qatt ma regghet ghamlet kuntatt mieghu.

Ma kellhiex interess titlob ghal ebda dritt taghha hawn Malta, lanqas ghal dak li jirrigwarda l-manteniment ta' bintha.

L-abbandun kien sehh wara li inizzjalment kienet telghet l-Inghilterra sabiex tipprova tahdem biex tghin lill-attur finanzjarjament, izda l-iskop kien wiehed, li ma tergax tigi lura Malta u tissepara minn mal-attur.

L-abbandun ghalhekk ma jistax jitqies bhala wiehed gustifikat.

Dwar l-adulterju, huwa difficli ghal dina l-Qorti tistabilixxi minn meta l-konvenuta kienet bdiet relazzjoni. Jidher mill-atti li kienet izzewwget pero' jekk dan sarx wara li hadet id-divorzju jew le m'hemmx bazi fuq xiex tista' timxi u lanqas ma jirrizultaw xi indizji jew prezunjonijiet li jwasslu ghal dina l-Qorti biex tiddetermina li kien hemm adulterju.

Ghalhekk in sostenn ta' dan ghandha tapplika d-dekadenza ai termini tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta minhabba l-abbandun tal-konvenuta u konsegwentement ukoll tassenja lill-attur is-segwenti :-

i) Il-fond 104, Triq San Gorg, Qormi ;
ii) Il-kontijiet bankarji bil-fondi hemm kontenuti ;
iii) L-ghamara u l-mobbli kollha fil-fond surriferit ;
iv) L-vetturi Toyota Vitz u Scooter tat-tip Honda.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi :-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara l-hall taz-zwieg bit-tortijiet imputabbli lill-konvenuta.
2. Tilqa' t-tieni talba attrici.
3. Tilqa' t-tielet talba attrici.
4. Tilqa' r-raba' talba attrici u xxolji, tillikwida u tassenja l-komunjoni tal-akkwisti kif fuq imfisser u tikkonferma li d-data minn meta l-konvenuta ddekadiet minn kull akkwist maghmul mix-xoghol u bil-hila tar-rikorrent minn Jannar, 1984.
5. Tilqa' l-hames talba attrici.
6. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt talba, stante li dina ma tirrizultax.

7. Tilqa’ s-seba’ talba attrici.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati temporanjament mill-attur, u rekuperabbli interament mill-konvenuta meta tigi rintraccata.

**Onor. Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**